**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 23 ta' Awwissu 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**Vs**

**OMMISSIS (IMP)**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Ommissis (imp)** ta' 16 sena, residenti Ommissis u detentur tal-karta ta' l-identita Ommissis, fejn gie akkuzat talli nhar it-17 ta' Awwissu, 2019 fil-hinijiet ta' bejn il-15:30hrs u 17:45hrs gewwa Haz Zabbar;

1. Bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li tarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil *Ommissis A u 't-tifel taggha Ommissis B* kontra l-volonta' taghhom liema reat

huwa aggravat peress li 'l-persuni arrestati, mizmuma jew issekwestrati gew mhedda bil-mewt.

2. Filwaqt li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna, kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari

3. Hebb ghal missieru, Ommissis C *u ghas-siehba ta’ missieru, Ommissis A* sabiex jingurjhom, iddejaqhom jew jaghmillhom hsara b’xi mod.

4. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmijja band’ohra fil-kodici kriminali jew, jekk kien ipprovokat, ingurja b’mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

5. Inqast li tobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilek minn ufficjali pubblici (pulizija) waqt li kienu qed jaqdu d-doveri taghhom

6. Ikkagunajt griehi ta’ importanza zghira fuq il-persuna ta’ Ommissis A hekk kif iccertifikat minn Dr. Patrick Galea Med Reg 3481 mill-Paola Health Clinic.

U akkuzat wkoll talli nhar is-17 ta’ Awwissu, 2019 u fix-xhur ta’ qabel gewwa Zabbar u diversi postijiet gewwa dawn il-gzejjer;

1. ikkaġuna lil missieru, Ommissis C *u lis-siehba tieghu Ommissis A*, biża li se tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta’ tagħhom jew kontra l-persuna jew il-propjeta’ ta’ xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti taghhom.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra *Ommissis (imp)* a beneficcju *Ommissis C u lis-siehba tieghu Ommissis A u l-familjari taghhom* kif ukoll titlob mill-qorti ordni ta’ trattament fil-konfront ta’ *Ommissis (imp)* u dan skond kif hemm mahsub fl-artikoli 412(c) u 412(d) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija mitluba f'kaz ta htija, biex tipprovdi ghall-persuni genituri tieghu, _*Ommissis C u lis-siehba tieghu Ommissis A u 'l-familjari taghhom*_ jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil _*Ommissis (imp)*_ b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 *et seq* tal-Kap 9 tal-Ligijijet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kien inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem ukoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fis-sanzjoni.

Semghet is-sottomissjonijiet finali dwar is-sanzjoni.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

Ghall-finijiet tal-piena jew ta` l-ahjar sanzjoni indikata, l-Qorti qed tikkonsidra fuq kollox l-ammissjoni bikrija tal-imputat, l-eta' ta' l-imputat, it-tfulija difficli li seta kellu u t-trobbija mhux daqstant felici, anki minhabba s-separazzjoni ferm akkanita bejn il-genituri tieghu, fattur li definittivament kellu effett negattiv fuq il-

personalita` tieghu, u fl-ahhar il-fatt li l-imputat deher inklinat li jiehu l-ghajnuna li ghandu bzonn biex jerga jitqieghed fuq binarji talba.

Waqt is-sottomissjonijiet finali taghhom, il-Qorti nnotat li kemm id-difiza kif ukoll il-prosekuzzjoni kienu qed jindikaw lill-Qorti li l-imputat ghandu bzonn min jidderigieh u li ghalhekk il-Qorti giet mistiedna tikkonsidra s-sanzjonijiet ikkontemplati fil-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Illi certament, dawn il-fatturi kollha qed jittiehdu in konsiderazzjoni u certament ukoll li lkoll ser ikunu riflessi fil-piena jew sanzjoni li l-Qorti sejra tinfliggi.

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b'rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema li, fil-qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif aktar-il fuq esposti, inkluz il-karattru ta` l-imputat, ma hux spedjenti li twahhal piena.

**Decide**.

**GHAL-MOTTIVI PREMESSI IL-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 86, 87(1)(c), 221(3), 251B, 338(1)(ee), 339(1)(d)(e) tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 55(a) tal-Kapitolu 480, u Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, issib lil **Ommissis (imp)**, fuq ammissjoni tieghu stess, hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u tordna li **Ommissis (imp)** jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal-zmien tlett (3) snin ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, taht is-sorveljanza ta'

ufficjal tal-*probation*, bil-kundizzjonjiet li jidhrilhom li ghandhom jimponu, minn zmien ghal zmien, l-ufficcju tal-probation.

Dan l-ordni qed isir wara li l-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car l-importanza ta' din l-ordni u wissietu x'inhuma l-konsegwenzi jekk huwa ma' joqghodx ghal kundizzjonijiet ta' dan l-ordni u accertat ruhha li l-istess hati accetta li joqghod ghall-kundizzjonijiet ta' dan l-ordni.

Il-Qorti tordna li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur *Probation and Parole*.

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-Harpoon (esebit formalment bhala dok EH9) favur il-Kummissarju tal-Pulizija

**Ordni skond l-Artikoli 382A u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.**

Finalment, bis-sahha u ai termini ta` l-Artikoli 382A u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u fid-dawl tal-atteggjament tieghu, kif rizultanti mill-atti, fil-konfront ta' **Ommissis A, binha Ommissis B**, **u missieru stess Ommissis C** u bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` u ghall-protezzjoni tal-persuni msemmija, u ghaz-zamma tal-ordni pubbliku, l-Qorti qeghda bil-prezenti u f'termini generali taghmel Ordni ta` Trazzin fil-konfront tal-hati **Ommissis (imp)** billi tipprojbixxi u tirrestringi lill-istess **Ommissis (imp)** milli javvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuni msemmija, u billi tipprojbixxi lil **Ommissis (imp)** milli jikkuntattja jew jimmolesta lill-persuni msemmija,

**In oltre, f'termini aktar specifici, tordna lill-hati Ommissis (imp)** :

Ma jersaqx lejn ir-residenza attwali ta' Ommissis A u Ommissis u/jew kwalunkwe residenza ohra li hi tista tistabilixxi minn zmien ghall-zmien;

Ma jersaqx lejn it-Triq il-Madonna Medjatrici, Zabbar jew l-inhawi immedjati ta' l-istess triq;

Bl-ebda mod ma jersaq lejn Ommissis A u binha Ommissis B;

Ma jersaqx lejn l-iskola ta' Ommissis B u cioe' l-iskola Primarja Haz-Zabbar, u/jew lejn l-inhawi immedjati ta' din l-istess skola u/jew kull skola ohra li fiha jkun hemm l-imsemmi Ommissis B; kif wkoll ma jersaqx lejn il-Muzew fil-lokalita' ta' Haz-Zabbar fejn se jattendi Ommissis B u/jew lejn l-inhawi immedjati ta' dan l-istess muzew u/jew kull muzew iehor li fih ikun hemm l-imsemmi Ommissis B;

Ma jersaqx lejn Haz-Zabbar fil-granet bejn id-9 u s-16 ta' Settembru 2019, iz-zewg dati inkluzi, li tigi l-festa tal-Madonna tal-Grazzja;

Jirrisjedi ma ommu Ommissis (omm) fl-indirizz Ommissis;

U dana l-Ordni ghandu jibqa fis-sehh ghall-perjodu ta` tlett snin li jibdew jiddekorru mill-mument li din il-kawza tghaddi in gudikat.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur